II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2008

dwar l-għajnuna mill-istat li l-Awstrija tat lill-intrapriża Postbus fid-distrett ta' Lienz C 16/07 (ex NN 55/2006)

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 7034)

(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/845/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija hawn fuq [1],

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittri datati t-2 ta' Awwissu 2002 [2] u t-23 ta' Awwissu 2003 [3], intrapriża privata Awstrijaka tax-xarabanks ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat allegatament mogħtija mill-awtorità tat-trasport pubbliku tat-Tirol (*Verkehrsverbund Tirol GmbH*, minn hawn 'il quddiem: Verkehrsverbund Tirol 2002 lill-kompetitur pubbliku tagħha, l-intrapriża privata *Postbus AG* (minn hawn 'il quddiem *Postbus*). Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Lulju 2005 [4], il-Kummissjoni talbet lill-Awstrija tagħtiha informazzjoni dwar dan l-ilment. Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Ottubru 2005 [5], l-Awstrija tat lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba.

(2) Permezz ta' ittra datata t-30 ta' Mejju 2007 [6], il-Kummissjoni infurmat lill-Awstrija bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE dwar il-miżura inkwistjoni.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom [7]

(4) L-Awstrija ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha permezz ta' ittra datata t-18 ta' Lulju 2007 [8].

(5) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Lulju 2007 [9], min ressaq l-ilment informa lill-Kummissjoni li ma kienx għadu interessat fit-tkomplija tal-kwistjoni.

(6) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti minn partijiet terzi oħra.

[1] ĠU C 162, 14.7.2007, p. 19.
[2] Irreġistrata bin-numru TREN (2002) A/63803.
[3] Irreġistrata bin-numru TREN (2002) A/68846.
[4] Irreġistrata bin-numru TREN (2005) D/113701.
[5] Irreġistrata bin-numru TREN (2006) A/15295.
[6] Irreġistrata bin-numru C(2007) 2209 finali.
[7] Ara n-nota 1.
[8] Irreġistrata bin-numru TREN (2007) A/38864.
[9] Irreġistrata bin-numru TREN (2007) A/39395.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

2.1. Miżura li qed tiġi investigata

2.1.1. *Kuntest*

(7) Il-*Verkehrsverbund Tirol* hija intrapriża privata, irregolata mil-liġi privata. Korpi simili jeżistu fir-reġjuni l-oħra kollha, u ġeneralment issir referenza għalihom bħala *Verkehrsverbundgesellschaften*. Dawn il-korpi huma responsabbli għall-ippjanar u l-koordinazzjoni tat-trasport bix-xarabank fir-reġjun rispettiv tagħhom. Skont il-*Bundesgesetz über die Ordnung des öffentlichen Personennah- und Regionalverkehrs* (l-Att Federali dwar l-organizzazzjoni tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri, minn hawn 'il quddiem: ÖPNRV-G), dawn il-korpi jirċievu sussidji annwali mill-Bundesland rispettiv, sabiex jiġi żgurat trasport pubbliku tal-passiġġieri adegwat fir-reġjun.

(8) Fit-12 ta' Lulju 2002 il-*Verkehrsverbund Tirol* u l-*Postbus* ftiehmu dwar kuntratt ta' servizz pubbliku għat-trasport pubbliku tal-passiġġieri fuq ir-rotot tax-xarabank numri 5002, 5008, 5010, 5012, 5014, 5050 u 5052 fid-distrett ta' *Lienz*.

(9) Skont il-liġi amministrattiva Awstrijaka, operatur ta' xarabanks jeħtieġ li jkollu liċenzja biex ikun jista' jopera rotta ta' xarabank. L-għoti tal-liċenzja huwa indipendenti mill-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku.

(10) Il-*Postbus* diġà kellha l-liċenzji biex topera s-seba' rotot koperti mill-kuntratt qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku. IL-*Postbus* kienet applikat għal-liċenzji fuq l-inizjattiva tagħha stess, bla ma kienet żgura li se tirċievi l-kumpens. Għalhekk, ir-rotot inkwistjoni huma meqjusa fil-leġiżlazzjoni Awstrijaka li jinħadmu "*eigenwirtschaftlich*" (fl-interess kummerċjali). Skont ir-regoli Awstrijaki tal-akkwist pubbliku, id-distinzjoni bejn "*eigenwirtschaftlich*" u "*gemeinwirtschaftlich*" (fl-interess komuni) hija importanti peress li kuntratti ta' servizz pubbliku għar-rotot maħduma bħala "*gemeinwirtschaftlich*" biss huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Għalhekk, il-kuntratt ta' servizz pubbliku li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni ngħata minħajr proċedura tal-akkwist pubbliku.

2.1.2. *Deskrizzjoni dettaljata tal-kuntratt ta' servizz pubbliku li qed jiġi investigat*

(11) Il-kuntratt għandu bħala għan il-provvista tas-servizzi tat-trasport bix-xarabank mill-*Postbus*. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002 b'mod retroattiv u għandu tul ta' żmien indefinit. Minn Diċembru 2006, il-partijiet jistgħu jtemmu l-kuntratt b'avviż ta' sitt xhur.

(12) Għall-kalkolu tar-remunerazzjoni, il-kuntratt jiddistingwi bejn *Bestelleistungen* u *Bestandsleistungen*.

(13) B'*Bestelleistungen*, il-kuntratt ifisser bażi ta' servizzi tat-trasport bix-xarabank li għalihom l-intrapriża tingħata pagament fiss. Skont il-Parti IV (3) tal-kuntratt, 204 807 km jikkostitwixxu *Bestelleistungen*. Skont il-Parti XIII tal-kuntratt, il-*Postbus* kull sena għandha tirċievi EUR 527 000, apparti t-taxxa fuq l-indiċi tal-bejgħ. Il-pagamenti għandhom isiri fi tnax-il rata mifruxa matul is-sena.

(14) B'*Bestandsleistungen*, il-kuntratt ifisser servizzi ta' trasport bix-xarabank li għalihom għandu jsir pagament li huwa s-somma ta' tliet komponenti. Skont il-Parti IV (3) tal-kuntratt, *Bestandsleistungen* jikkostitwixxu 952 761 km. Il-Parti X (2) tistabbilixxi r-remunerazzjoni għall-*Bestandsleistungen* għal EUR 1 690 000 għas-sena 2002. Skont il-Parti X (3) din ir-remunerazzjoni hija magħmula kif ġej:

(a) Il-kumpens għall-interkonnessjoni (Verbundabgeltung), li l-prezz huwa stabbilit kull sena għal kull linja skont iż-żieda tal-passiġġieri,

(b) Id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-biljetti, minħajr it-taxxa fuq l-indiċi tal-bejgħ mogħtija lura lill-*Postbus*

(c) Id-dħul iġġenerat mill-ħlas mogħti mill-Ministru Federali tas-Saħħa, il-Familja u ż-Żgħażagħ bħala t-tħaddim tat-tariffi mnaqqsa riżervati għall-istudenti u l-apprentisti skont it-taqsima 29 ÖPNRV-G u l-kuntratti konklużi skont it-taqsimiet 30f u 30j Familien Lasten Ausgleichs Gesetz (FLAG) bejn il-Ministeru u l-*Postbus*.

(15) Għall-ewwel sena tal-kuntratt, *Verbundabgeltung* għandu jkollha EUR 1 690 000 nieqes fid-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-biljetti u fil-ħlas għall-obbligi tat-tariffi. Meta ġie konklużż il-kuntratt, il-partijiet la kienu jafu kemm kien id-dħul iġġenerat mill-bejgħ tal-biljetti u lanqas mill-ħlas għall-obbligi tat-tariffi. Għalhekk, il-kuntratt ma jistabbilixix it-total assolut tal-Verbundabgeltung.

(16) Il-prezz imħallas mill-*Verkehrsverband Tirol* lill-*Postbus* għall-2002 kien ta' EUR 2 217 000 (inkluż id-dħul tal-għoti lura mill-bejgħ tal-biljetti). Bħala kumpens, il-*Postbus* kellha l-obbligu li tipprovdi 1 157 568 km ta' servizz bix-xarabank skont l-orarji u r-rotot speċifikati fil-kuntratt. Il-prezz imħallas għal kull kilometru kien b'medja ta' EUR 1,92.

2.1.3. *Evoluzzjoni storika tas-sistema Awstrijaka*

(17) Id-distinzjoni bejn *Bestellleistungen* u *Bestandsleistungen* tispjega ruħha qabel kollox bl-evoluzzjoni storika tal-ÖPNRV-G li tispeċifika l-organizzazzjoni u l-finanzjament tat-trasport pubbliku fil-partijiet rurali tal-Awstrija.

(18) Skont it-taqsima 10 (1) ÖPNRV-G l-intrapriżi tat-trasport bix-xarabank li jappartjenu lill-Istat Awstrijak, bħall-*Postbus*, għandhom id-dritt li jirċievu kumpens mill-Istat Federali għat-telf fit-tħaddim tat-trasport pubbliku sal-1 ta' Ġunju 1999 (*Alteinnahmegarantie*).

(19) Għaż-żmien ta' wara l-1 ta' Ġunju 1999, l-Istat Federali għandu jħallas ammont li jikkorrispondi għas-somma mħallsa kull sena skont l-*Alteinnahmegarantie* lill-korpi reġjonali inkarigati bl-organizzazzjoni tat-trasport pubbliku, il-*Verkehrsverbundgesellschaften*. Dawn jużaw l-ammonti biex jordnaw is-servizzi tat-trasport bix-xarabank min-naħa tal-intrapriżi tax-xarabank. Qabel ma jordnaw dawn is-servizzi tat-trasport bix-xarabank, il-*Verkehrsverbundgesellschaften* għandhom jippjanaw it-trasport pubbliku fir-reġjun tagħhom skont it-taqsimiet 11, 20 u 31 tal-ÖPNRV-G (l-Artikolu 10 (2) ÖPNRV-G). Dawn id-dispożizzjonijiet jispeċifikaw kriterji ekonomiċi u ta' kwalità li għandhom jiġu rispettati fit-trasport pubbliku.

(20) Mill-2001, kull sena l-Istat Federali għandu jnaqqas b'wieħed f'kull ħamsa l-ammonti li jħallas lill-*Verkehrsverbund-gesellschaften* (it-taqsima 10 (3) ÖPNRV-G).

(21) L-Artikoli 14 u ta' wara ÖPNRV-G jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-Verkehrsverbundgesellschaften. It-Taqsima 19 (1) ÖPNRV-G lill-*Verkehrsverbundgesellschaften* tobbligahom ibiddlu s-sistema tal-*Alteinnahmegarantie* fi żmien ħames snin mill-1999 permezz ta' sistema ġdida ta' kuntratti ta' servizz pubbliku.

2.1.4. *Ġustifikazzjoni tal-prezz previst fil-kuntratt ta' servizz pubbliku*

(22) Qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku, il-*Verkehrsverband Tirol* użat tliet metodi differenti biex tiġġustifika jekk il-kumpens għas-servizz pubbliku maħsub fil-kuntratt kienx ġustifikat. Dawn it-tliet metodi jittrattaw il-verifika għal kull kilometru (*Prüfung nach Kilometersätzen*), il-verifika mqabbla mal-ispiża (*Prüfung nach Kostensätzen*) u l-verifika skont il-kategoriji differenti tal-ispejjeż (*Prüfung nach Einzelkostenpositionen*).

2.2. **L-ewwel verifika mill-Kummissjoni**

(23) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura, il-Kummissjoni qajmet dubji jekk il-kuntratt tas-servizz pubbliku konkluż bejn il-*Verkehrsverband* u l-*Postbus* kienx jissodisfa t-tieni kriterju tal-ħekk imsejħa kriterji *Altmark* ([10]). Minħabba li l-kriterji *Altmark* jittrattaw erba' kriterji kumulattivi, il-Kummissjoni ma vvalutatx fid-dettall jekk it-tielet u r-raba' kriterji ġewx issodisfati, imma ġie konkluż li l-preżenza tal-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi eskluża.

(24) Fir-rigward tal-kompatibbiltà possibbli ta' din it-tip ta' għajnuna mill-Istat mas-suq komuni, id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura tikkunsidra li l-għajnuna tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni fuq bażi tal-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([11]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ammont tal-kumpens imħallas lill-*Postbus* deher li ma jaqbiżx dak li kien meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż involuti biex jitwettqu l-obbligi tas-servizz pubbliku tal-kuntratt, meta wieħed jikkunsidra r-riċevuti relatati u l-profitt raġjonevoli biex jitwettqu l-obbligi.

(25) Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat li la ma kien hemm l-ebda sejħa pubblika għall-offerti, u l-kompetitur direct tal-*Postbus* allega li l-*Postbus* kienet qed tirċievi kumpens żejjed, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li, li kieku l-każ preżenti kellu jiġi nnotifikat, dan il-kompetitur u l-partijiet terzi interessati l-oħra kollha kellhom jingħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar il-metodi użati mill-Awstrija biex tivverifika l-ispejjeż u tevita kumpens żejjed, qabel ma tifforma opinjoni definittiva dwar jekk il-*Postbus* kinitx qed tirċievi kumpens żejjed jew le. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qajmet dubju jekk il-*Postbus* irċevitx kumpens żejjed għall-provvista ta' servizz pubbliku taħt kuntratt ta' servizz pubbliku.

3. **KUMMENTI TAL-AWSTRIJA**

(26) Il-kummenti tal-Awstrija jikkonċernaw:

(a) ir-relazzjoni bejn il-kriterji *Altmark* u r-Regolament (KEE) Nru 1191/69,

(b) l-applikazzjoni tat-tieni kriterju *Altmark* fil-każ preżenti,

(c) l-applikazzjoni tat-tielet u r-raba' kriterji *Altmark* fil-każ preżenti, b'mod partikolari l-metodi użati biex jiġu vverifikati l-ispejjeż u jiġi evitat kumpens żejjed,

(d) il-kompatibbiltà tal-kuntratt tas-servizz pubbliku mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

Ir-relazzjoni bejn il-kriterji Altmark u r-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

(27) L-Awstrija tqis li l-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE u r-Regolament (KEE) Nru 1191/69, li huwa bbażat fuqu, jistabbilixxu *lex specialis* għall-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Għalhekk, kull meta kuntratt ta' servizz pubbliku jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, ma hemm ebda għajnuna mill-Istat, u għalhekk ebda ħtieġa li jiġi vvalutat il-kuntratt ta' servizz pubbliku inkwistjoni skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE u l-kriterji *Altmark*. L-Awstrija tibbaża din l-interpretazzjoni fuq il-Punt 37 tas-sentenza *Altmark*, li tgħid dan li ġej:

([10]) Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark*, Kawża C-280/00, Slg. p. I-7747 biex jiġi vvalutat jekk kumpens għal servizz pubbliku jammontax għal għajnuna mill-Istat jew le.

([11]) ĠU L 156, 28.6.1969, p. 1.

L-ewwel punt li wieħed għandu jeżamina huwa jekk ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 huwiex applikabbli għas-servizzi ta' trasport kontestati fil-proċeduri prinċipali. Jekk dak mhuwiex il-każ biss, għandha tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat għas-sussidji kontestati fil-proċeduri ġenerali.

3.1. **Applikazzjoni tat-tieni kriterju Altmark fil-każ preżenti**

(28) L-Awstrija targumenta li anke jekk ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ma jindirizzax l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat, imma biss il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni, il-kuntratt ta' servizz pubbliku konkluż bejn il-*Verkehrsverbund Tirol* u l-*Postbus* madankollu jissodisfa l-erba' kriterji *Altmark*.

(29) F'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni kriterju *Altmark*, l-Awstrija tispjega li kemm ir-remunerazzjoni għall-Bestelleistungen u r-remunerazzjoni għall-*Bestandsleistungen* ġew stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti. Fir-rigward tal-*Bestelleistungen*, l-Awstrija tispjega li l-kuntratt huwa kuntratt nett, li bih il-*Postbus* tirċievi prezz fiss ta' EUR 2,57 għal kull kilometru sewqan bix-xarabank ([12]). Għalhekk, il-prezz kien ġie stabbilit bil-quddiem bl-użu tal-kriterju oġġettiv u trasparenti "prezz għal kull kilometru ta' sewqan".

(30) Fir-rigward tal-*Bestandsleistungen*, l-Awstrija tispjega li l-prezz kien ġie miftiehem ukoll bil-quddiem mill-partijiet bħala prezz fiss, jiġifieri EUR 1 690 000 għal 952 761 kilometru li għandhom jiġu misjuqa. Li ma kienx ġie stabbilit bil-quddiem kien il-qsim eżatt bejn it-tliet komponenti tal-pagament: id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti, il-kumpens għall-obbligi tat-tariffi u l-kumpens għas-sistema tat-traffiku integrata. Kif tispjega l-Awstrija, l-ispjegazzjoni tinsab fin-natura stess tat-tliet komponenti, li tnejn minnhom jiddependu fuq l-għadd ta' passiġġieri li jinġarru, filwaqt li t-tielet wieħed ikun id-differenza bejn il-prezz totali miftiehem u s-somma tal-ewwel żewġ elementi.

(31) Anke f'dan ir-rigward, l-Awstrija tikkonkludi li l-kuntratt huwa kuntratt nett, li minnu l-*Postbus* tirċievi prezz fiss għal kull kilometru misjuq b'xarabank ta' 1,77 EUR/km, u li għalhekk, il-prezz kien ġie stabbilit bil-quddiem, bl-użu tal-kriterju oġġettiv u trasparenti "prezz għal kull kilometru ta' sewqan".

([12]) EUR 527 000: 204 807 km = EUR 2,57/km.

3.2. **Applikazzjoni tat-tielet u r-raba' kriterji Altmark fil-każ preżenti, b'mod partikolari metodi għall-verifika tal-ispejjeż u biex jiġi evitat kumpens żejjed**

(32) L-Awstrija targumenta li l-*Verkehrsverbund Tirol* eskludiet il-kumpens żejjed għall-*Postbus* billi vverifikat il-prezz imħallas lill-*Postbus* għal kull kilometru mal-medja tal-industrija, bl-użu ta' tliet metodi differenti: verifika tal-prezz kull kilometru, kontroll tal-ispejjeż għal kull partita ta' spiża u kontroll tal-ispejjeż skont kategoriji differenti tal-ispejjeż.

(33) Fit-tweġiba tagħha għad-deċiżjoni li tibda l-proċedura, l-Awstrija pprovdiet lill-Kummissjoni iżjed informazzjoni dwar iż-żewġ metodi użati għall-verifika tal-ispejjeż għall-provvista ta' servizzi tat-trasport u biex jiġi evitat kumpens żejjed: il-verifika tal-ispejjeż għal kull partita ta' spiża u l-verifika tal-ispejjeż skont kategoriji differenti ta' spejjeż. Fl-opinjoni tagħha, ma teħtieġ ebda spjegazzjoni oħra fir-rigward tal-verifika għall-ispiża kull kilometru ([13]).

(34) Skont l-opinjoni tal-Awstrija, dawn it-tliet verifiki tal-ispejjeż jiżguraw konformità kemm mat-tielet (nuqqas ta' kumpens żejjed) u r-raba' (intrapriża medja, immexxija sew) kriterji *Altmark*.

3.2.1. *Verifika tal-ispejjeż għal kull partita ta' spiża*

(35) Permezz tal-metodu "verifika tal-ispejjeż għal kull oġġett", il-*Verkehrsverbund Tirol* qabblet l-ispejjeż ta' kull partita tal-*Postbus* mal-ispejjeż medji ta' dan is-settur tal-industrija.

(36) Abbażi tal-ispejjeż medji tas-settur tal-industrija, il-*Postbus* għandha tilħaq il-miri li ġejjin għall-ispejjeż tal-kuntratt tas-servizz pubbliku fid-distrett ta' *Lienz*:

Partita ta' spiża	Spejjeż
Spejjeż tal-persunal	[…] EUR (*)
Spejjeż tal-fjuwil u l-manutenzjoni	[…] EUR
Spejjeż tal-vetturi (deprezzament)	[…] EUR
Spejjeż amministrattivi	[…] EUR
Total	[…] EUR

(*) informazzjoni kunfidenzjali

(37) L-Awstrija tipprovdi l-ispjegazzjoni dettaljata li ġejja għal dawn il-partiti ta' spiża.

([13]) Għall-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Awstrija f'dan ir-rigward fl-istadju tal-valutazzjoni preliminarja, ara n-numri 98 u 99 tad-Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura.

3.2.1.1. Spejjeż tal-persunal

(38) L-Awstrija bbażat il-kalkolu tal-ispiża tal-persunal fuq 54 290 siegħa ta' sewqan għat-thaddim tar-rotta. B'hekk, l-Awstrija għamlitha ċara li dan l-ammont huwa bbażat fuq il-kilometri meħtieġa biex wieħed jaħdem skont l-iskeda inkluż il-ħin ta' waqfien, imma eskluża l-vjaġġi 'l hemm u 'l hawn safejn jieqfu x-xarabanks fil-venda/garaxxijiet, il-perjodi ta' mistrieħ eċċ. Skont l-Awstrija, b'21 kilometru fis-siegħa l-*Verkehrsverbund Tirol* assumiet servizz relattivament għoli ([14]), peress li l-medja għall-Awstrija hija bejn 16 u 18-il kilometru fis-siegħa.

(39) Kif iddikjarat l-Awstrija, ir-rata grossa għal siegħa sewqan (inklużi d-dazji, taxxi, spejjeż tal-garaxx, tal-manutenzjoni, tal-amministrazzjoni u spejjeż addizzjonali tal-persunal) hija EUR […]. Dan l-ammont huwa magħmul kif ġej: il-ftehim kollettiv Awstrijak tal-2002 għall-impjegati f'intrapriżi ta' xarabanks irregolati mil-liġi privata pprovda għal rata medja netta ta' EUR 7,55 fis-siegħa. Ma' dan l-ammont, wieħed irid iżid bħala l-ewwel pass spejjeż addizzjonali għax-xogħol ta' nhar ta' Ħadd u btajjel; ħlas ta' sahra, kif ukoll taxxi u sigurtà soċjali. Jekk jiġu meqjusa dawn l-ispejjeż addizzjonali, ir-rata medja fis-siegħa tkun ta' EUR 16,30.

(40) Minbarra din ir-rata fis-siegħa, hemm spiża addizzjonali ta' madwar […] % għall-ispejjeż tal-persunal li jaħdmu fil-garaxx, fid-dispożizzjoni u fl-amministrazzjoni. Meta wieħed iqis dawn l-ispejjeż addizzjonali, siegħa ħidma ta' xarabank toħloq spiża ta' EUR […].

(41) Il-multiplikazzjoni tal-għadd annwali ta' sigħat ta' sewqan bir-rata medja fis-siegħa tirriżulta fi spejjeż tal-persunal b'total ta' EUR […] ([15]).

3.2.1.2. Spejjeż tal-fjuwil u l-manutenzjoni

(42) Dwar l-ispejjeż tal-fjuwil u l-manutenzjoni, il-*Verkehrsbund Tirol* tassumi spiża ta' EUR […] għal kull kilometru skedat (1 157 568 km), li tammonta għal EUR […]. Dan l-ammont jinkludi l-ispejjeż kollha konnessi mal-vetturi, minbarra l-ispejjeż tal-finanzjament, id-deprezzament u l-verifika.

(43) L-Awstrija tispjega l-kalkolu tagħha fid-dettall. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li għar-rotot fid-distrett ta' Lienz, ikunu meħtieġa erba' xarabanks b'tul ta' 15-il m u konsum tal-fjuwil ta' 45 lt għal kull 100 km u 21 xarabank b'tul ta' 12-il m u konsum tal-fjuwil ta' 36 lt kull 100 km. Il-konsum totali stmat tal-fjuwil ta' din il-flotta huwa ta' 478 000 lt. Abbażi tal-prezz tad-diżil ta' EUR […] kull litru, l-ispejjeż totali tal-fjuwil għalhekk jammontaw għal EUR […].

(44) L-ispejjeż tal-manutenzjoni huma stmati EUR […] għal kull xarabank (spejjeż tal-persunal u materjali), li jammontaw għal EUR […] għal 25 xarabank. L-ispejjeż tal-fjuwil u tal-manutenzjoni flimkien jammontaw għal EUR […].

(45) Dan huwa diġà iktar mill-EUR […] li kienu ttieħdu bħala punt ta' referenza. Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi, il-partita ta' spiża "fjuwil u manutenzjoni" hija stima konservattiva ħafna.

3.2.1.3. Spejjeż għax-xiri u d-deprezzament tal-vetturi

(46) L-ispejjeż għax-xiri u d-deprezzament tal-vetturi ta' EUR […] huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ir-rotot tax-xarabanks iridu jitħaddmu b'erba' xarabanks b'tul ta' 15-il m u 21 xarabank b'tul ta' 12-il m.

(b) Skont il-kuntratt tas-servizz pubbliku, l-età medja tal-flotta ma għandhiex taqbeż is-sitt snin u kull sena għandha tiġġedded mill-inqas 10 % tal-flotta.

(c) Il-prezz għax-xiri ta' xarabank ta' 12-il m huwa ta' EUR […]; il-profitt medju annwali fuq il-kapital huwa ta' 5 % u u l-perjodu tal-awtorizzazzjoni huwa ta' tmien snin. Għalhekk, l-annwalità għal kull vettura hija ta' EUR […].

(d) Madankollu, peress li l-kuntratt jipprovdi għall-użu ta' vetturi għal perjodu ta' 12-il sena, terz tal-flotta tintuża minkejja l-fatt li tkun intużat totalment. Għalhekk, l-ispejjeż għax-xiri u d-deprezzament tal-vetturi jikkonċernaw biss żewġ terzi tal-flotta, jew allura 16-il vettura.

(47) Abbażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, l-ispejjeż annwali għax-xiri u d-deprezzament tal-vetturi huma ta' EUR […] ([16]).

3.2.1.4. Spejjeż amministrattivi

(48) Dwar l-ispejjeż amministrattivi ta' EUR […], il-*Verkehrsverbund Tirol* assumiet […] % tal-ispejjeż kollha l-oħra kull oġġett spiża għall-kalkoli tagħha ([17]). Dan l-ammont ikopri l-ispiża tal-kera tal-uffiċċju u l-apparat tal-uffiċċju.

([14]) 21 km jinkisbu billi jinqasam in-numru totali ta' kilometri bin-numru ta' sigħat ta' sewqan: 1 157 568 km: 54 290 siegħa = 21,32 km/siegħa.

([15]) 54 290 siegħa […] EUR/siegħa = EUR […].

([16]) EUR […].

([17]) EUR […] (Spiża għal kull oġġett) […] % = EUR […].

3.2.2. *Verifika tal-ispejjeż skont il-kategoriji differenti tal-ispejjeż*

(49) Il-verifika tal-ispejjeż skont il-kategoriji differenti tal-ispejjeż hija kalkolu tal-kredibbiltà tal-kategoriji differenti tal-ispejjeż. Il-*Verkehrsverbund Tirol* stabbiliet l-ispejjeż li ġejjin bħala punt ta' referenza:

Kategoriji tal-ispejjeż	Spiża
Spejjeż tax-xufiera	EUR […]
Spejjeż tal-persunal (minbarra spejjeż tax-xufiera)	EUR […]
Spejjeż tal-vetturi (deprezzament)	EUR […]
Spejjeż tal-fjuwil	EUR […]
Spejjeż tat-tajers	EUR […]
Spejjeż oħra (tiswija, manutenzjoni, eċċ)	EUR […]
Spejjeż amministrattivi	EUR […]
Total	EUR […]

(50) Dawn il-punti ta' referenza jerġgħu jiġu spjegati b'iktar dettall.

3.2.2.1. Spejjeż tax-xufiera

(51) Il-*Verkehrsverbund Tirol* ibbażat il-kalkolu tal-ispejjeż tax-xufiera fuq 28 xufier li, skont l-Awstrija, huwa bażi baxxa għal 25 xarabank, jekk wieħed jikkunsidra l-btajjel, il-perjodi ta' waqfien minħabba mard eċċ. Għalkemm il-ftehim kollettiv Awstrijak għall-impjegati f'intrapriżi tax-xarabanks irregolati bil-liġi privata ibassar paga grossa annwali ta' EUR […] (bla ebda spejjeż addizzjonali jew taxxi), *il-Verkehrsverbund Tirol* assumiet biss EUR […]. Għalhekk, l-ispejjeż tal-persunal huma EUR […].

3.2.2.2. Spejjeż tal-impjegati

(52) Dwar l-ispejjeż l-oħra tal-persunal għall-amministrazzjoni, id-dispożizzjoni u l-garaxx, il-*Verkehrsverbund Tirol* assumiet ukoll paga annwali grossa ta' EUR […] kull impjegat. L-għadd ta' impjegati ġie stabbilit għal 8. B'hekk, l-ispejjeż l-oħra tal-persunal huma EUR […].

3.2.2.3. Spejjeż tal-vetturi

(53) L-ispejjeż tal-vetturi huma bbażati fuq l-istess suppożizzjoni bħal dik użata għall-verifika tal-ispejjeż kull oġġett.

3.2.2.4. Spejjeż tal-fjuwil

(54) Dwar l-ispejjeż tal-fjuwil, il-*Verkehrsverbund Tirol* ibbażat il-kalkolu fuq il-konsum tal-fjuwil ta' 465 000 lt. Il-prezz medju tal-fjuwil ġie ssoponut li kien EUR […] kull litru. Għalhekk, l-ispejjeż totali tal-fjuwil b'kollox huma EUR […] [17].

3.2.2.5. Spejjeż tat-tajers

(55) Għall-ispejjeż tat-tajers, il-*Verkehrsverbund Tirol* assumiet prezz tax-xiri ta' EUR […] għal 2 pari tajers kull sena għal 25 xarabank. B'hekk, l-ispejjeż totali huma EUR […].

3.2.2.6. Spejjeż oħra

(56) L-ispejjeż materjali għall-vetturi, il-manutenzjoni, l-assigurazzjoni, it-taxxi eċċ. huma stmati madwar EUR […] fis-sena. Dan jinkludi l-assigurazzjoni għal kull vettura ta' madwar EUR […] fis-sena u spejjeż materjali ta' EUR […] kull kilometru misjuq. Il-manutenzjoni tal-25 xarabank tammonta għal EUR […] fis-sena. Il-kera tal-garaxx b'erja ta' 1 500 m^2 hija ta' EUR […] fis-sena.

3.2.2.7. Spejjeż amministrattivi

(57) L-ispejjeż amministrattivi huma stmati madwar EUR […] fix-xahar, jiġifieri EUR […] fis-sena.

3.2.3. *Konklużjoni tal-Awstrija dwar it-tielet u r-raba' kriterji Altmark*

(58) L-Awstrija tikkonkludi li l-*Verkehrsverbund Tirol* stmat il-prezz imħallas lill-*Postbus* skont stimi adegwati, realistiċi u konservattivi ta' kemm tkun nefqet intrapriża medja ta' xarabanks biex tissodisfa kuntratt komparabbli. L-Awstrija tenfasizza li l-prezz imħallas lill-*Postbus,* jiġifieri EUR 2 217 000, huwa fil-medda sew bejn iż-żewġ verifiki tal-prezzijiet, li r-riżultati tagħhom huma EUR 2 224 965 u EUR 2 205 619 rispettivament.

(59) Għalhekk, l-Awstrija tikkunsidra li jista' jiġi eskluż il-kumpens żejjed tal-*Postbus,* u li l-prezz imħallas lill-*Postbus* jikkorrispondi għall-prezz li intrapriża medja, immexxija sew u mgħammra adegwatament b'mezzi tat-trasport tkun talbet biex tipprovdi s-servizzi tat-trasport inkwistjoni.

3.3. **Kompatibbiltà tal-kuntratt tas-servizz pubbliku mar-Regolament (KEE) Nru 1191/69**

(60) Għar-raġunijiet speċifikati fit-taqsima 3.3, l-Awstrija tqis li l-kuntratt tas-servizz pubbliku wkoll huwa kompletament konformi mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69.

4. **APPREZZAMENT LEGALI**

(61) L-ewwel, l-argument tal-Awstrija għandu jiġi rrifjutat, skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE mhuwiex applikabbli għal kuntratt dwar is-servizzi tat-traffiku minħabba l-obbligi tas-servizz pubbliku kopert mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

(62) Ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jittratta Regolament li fost affarijiet oħra jippermetti li tiġi ddikkjarata kompatibbli mas-suq komuni ċerta għajnuna mogħtija mill-Istati Membri taħt forma ta' kumpens għall-impożizzjoni ta' obbligu ta' servizz pubbliku, u li jeżenta l-Istati Membri mill-obbligu pprovdut mill-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE li l-għajnuna tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni qabel it-tħaddim tagħha.

(63) Madankollu, ir-regoli konnessi mal-għajnuna mill-Istat ipprovduti mir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 japplikaw biss għall-miżuri li jiffurmaw għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Fi kliem ieħor, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jittratta Regolament ta' kompatibbiltà.

(64) Għalhekk hemm lok, bħala l-ewwel pass, li jiġi analizzat jekk il-pagamenti pprovduti mill-kuntratt bejn il-*Postbus* u l-*Verkehrsverbund* jammontawx għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Jekk dan ikun il-każ, hemm bżonn li sussegwentement jiġi analizzat jekk it-tali għajnuniet humiex kompatibbli mas-suq komuni.

4.1. **Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(65) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, "Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.".

(66) L-operaturi tax-xarabanks, bħall-*Postbus*, imexxu attività ekonomika: it-t-trasport ta' persuni bi ħlas; għalhekk huma intrapriżi skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

(67) Il-pagament tal-għajnuna għall-*Postbus* isir mill-*Verkehrsverbund Tirol*, li hija ffinanzjata mir-*reġjun* tat-Tirol u l-gvern federali. Għalhekk, il-pagament jiġi effettwat permezz tar-riżorsi tal-Istat.

(68) Hawnhekk wieħed isaqsi wkoll jekk il-*Postbus* tirċivix, permezz ta' kuntratt ta' servizz pubbliku li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni, vantaġġ ekonomiku selettiv. Il-Qorti spjegat fid-dettall il-kriterji li għandhom jiġu applikati biex jiġi deċiż jekk hemmx kumpens għal servizz pubbliku fid-deċiżjoni tagħha *"Altmark Trans"* ([18]):

"Sussidji pubbliċi li għandhom l-għan li jippermettu l-isfruttar ta' servizzi regolari tat-trasport urban, suburban jew reġjonali ma jaqgħux taħt din id-dispożizzjoni sakemm dan it-tip ta' sussidji għandu jiġi kkunsidrat bħala kumpens li jirrappreżenta l-kumpens għas-servizzi effettwati mill-intrapriżi benefiċjarji biex jesegwixxu l-obbligi ta' servizz pubbliku. […]"

Skont il Qorti, dak huwa l-każ jekk jiġu ssodisfati l-erba' kriterji li ġejjin:

"— l-ewwelnett, l-intrapriża benefiċjarja għandha effettivament tkun inkarigata bl-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, u dawn l-obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar;

— It-tieni, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom huwa kkalkulat il-kumpens għandhom ikunu stabbiliti minn qabel, b'mod oġġettiv u trasparenti;

— it-tielet, jekk il-kumpens ma jaqbiżx ma' dak meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż li jsiru permezz tal-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, wieħed irid jikkunsidra l-introjtu relatat kif ukoll profitt raġjonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi;

— ir-raba', meta l-għażla tal-intrapriża li se tiġi inkarigata bl-eżekuzzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku ma tiġix affetwata fil-kwadru ta' proċedura ta' suq pubbliku, […] il-livell tal-kumpens meħtieġ jiġi determinat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li intrapriża medja, immexxija sew u mgħammra adegwatament b'mezzi tat-trasport biex tista' tissodisfa l-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku, tkun daħlet għalihom biex tesegwixxi dawn l-obbligi, meta wieħed jikkunsidra l-introjtu relatat kif ukoll profitt raġjonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi."

4.1.1. *Intrapriża li tagħmel il-qligħ effettivament inkarigata bl-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ddefinit b'mod ċar*

(69) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jagħti d-definizzjoni li ġejja tal-obbligi ta' servizz pubbliku: "L-obbligi ta' servizz pubbliku huma l-obbligi li l-intrapriża tat-trasport, jekk ikollha tqis l-interessi kummerċjali tagħha biss, ma tinkarigax ruħha minnhom jew ma tinkarigax ruħha bl-istess mod jew taħt l-istess kundizzjonijiet."

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti, *Altmark Trans*.

(70) Il-kuntratt konkluż bejn il-*Postbus* u l-*Verkehrsverbund Tirol* jifformalizza rekwiżiti speċifiċi imposti fuq fornitur ta' servizzi sabiex jiġi garantit it-twettiq ta' netwerk tat-trasport ibbilanċjat minħabba n-natura rurali u d-densità baxxa tal-popolazzjoni kif ukoll il-karatteristiċi ġeografiċi taż-żoni moqdija. Dawn l-elementi ma jagħtu l-ebda inċentiv lill-intrapriża ta' dan it-tip ta' servizzi milli tipproponihom fuq bażi strettament kummerċjali. L-intrapriża *Postbus* għandha toffri dawn is-servizzi u l-orarji, kif ukoll ir-rotot b'mod kuntrattwali, kif speċifikat fil-Punt 2 tal-kuntratt.

(71) Għalhekk, jirriżulta mill-kuntratt konkluż bejn il-*Postbus* u l-*Verkehrsverbund Tirol* li l-*Postbus* hija effettivament inkarigata b'servizz pubbliku tat-trasport fid-distrett ta' *Lienz*. Għalhekk, l-ewwel kriterju *Altmark* huwa ssodisfat.

4.1.2. *Parametri li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tal-kumpens stabbilit minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti*

(72) Bħala t-tieni pass, jenħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens kinux stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti.

(73) Il-kuntratt jiddistingwi bejn il-pagamenti għall-*Bestellleistungen* u l-pagamenti għall-*Bestandsleistungen*. Kif ġie ċċarat mill-Awstrija fit-tweġiba tagħha għad-deċiżjoni li tintroduċi l-proċedura formali ta' eżami, il-kuntratt jipprovdi għaż-żewġ kategoriji tas-servizz tat-trasport biex jagħtu remunerazzjoni għal kull kilometru ta' trasport offrut. Għall-*Bestellleistungen* il-prezz għal kull kilometru huwa EUR 2,57/km u għall-*Bestandsleistungen* huwa EUR 1,77/km. Il-*Bestandsleistungen* huma differenti mill-*Bestellleistungen* biss għax wieħed mill-komponenti tal-ħlas ġie aġġustat biex it-total ta' EUR 1,77/km jiġi rrispettat sistematikament.

(74) Ta' min jinnota li l-iffissar tal-kumpens fuq bażi ta' prezz għal kull kilometru offrut u tal-għadd totali ta' kilometri misjuqa jifforma prattika kurrenti għall-kuntratti tat-trasport bix-xarabank, l-iktar jekk tkun l-awtorità pubblika inkarigata bl-organizzazzjoni tat-trasport pubbliku li tassumi r-riskju għall-introjtu ġej mill-bejgħ tal-biljetti. Wara li eżaminat mill-ġdid il-kontenut tal-kuntratti fuq bażi tal-ispjegazzjonijiet addizzjonali tal-Awstrija, il-Kummissjoni tiddikjara li, għall-kuntrarju tal-analiżi preliminarja tagħha fin-numri 64 sa 71 tad-Deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura formali ta' eżami, il-kuntratt konkluż bejn il-*Postbus* u l-*Verkehrsverbund Tirol* jammonta għal kuntratt ta' dan it-tip.

(75) L-iffissar tal-kumpens fuq bażi ta' prezz kull kilometru offrut u tal-għadd totali ta' kilometri misjuqa jissodisfa t-tieni kriterju *Altmark*, għax il-prezz għal kull kilometru u l-għadd totali ta' kilometri misjuqa huma stabbiliti minn qabel u b'mod oġġettiv u trasparenti.

(76) Għalhekk, it-tieni kriterju *Altmark* huwa ssodisfat.

4.1.3. *Nuqqas ta' kumpens żejjed*

(77) Jirriżulta min-numri 96 sa 102 tad-Deċiżjoni għall-introduzzjoni tal-proċedura formali ta' eżami, li l-Kummissjoni tikkunsidra li l-metodu magħżul mill-*Verkehrsverbund Tirol* biex tiżgura nuqqas ta' kumpens żejjed, jiġifieri l-verifika tal-prezz mitlub mill-intrapriża tax-xarabanks bl-użu ta' tliet metodi differenti ta' tqabbil mal-valuri medji osservati fis-settur inkwistjoni, tista' tiġi aċċettata bħala prova ta' nuqqas ta' kumpens żejjed.

(78) Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni kienet madankollu kkunsidrat li minħabba l-fatt li ma kienx hemm sejħa għall-offerti, u li kompetitur dirett tal-*Postbus* kien qed jallega li l-*Postbus* qed tirċievi kumpens żejjed, kien xieraq li tingħata l-opportunità lil dan il-kompetitur kif ukoll lill-partijiet terzi kollha interessati li jitkellmu dwar il-metodi tal-verifika tal-ispejjeż mill-Awstrija, qabel ma jkun jista' jiġi konkluż b'ċertezza li l-*Postbus* ma tirċevix kumpens żejjed.

(79) Ta' min jinnota mill-ewwel li min kien qed jagħmel l-ilment infurma lill-Kummissjoni li ma kienx għadu interessat fil-kwistjoni. It-tieni ħaġa li ta' min jinnota hija li l-ebda parti terza ma kkontestat in-nuqqas ta' kumpens żejjed.

(80) Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-Awstrija pprovdiet spjegazzjonijiet supplementari li juru li l-prezz imħallas mill-*Verkehrsverbund Tirol* lill-*Postbus* huwa prezz plawżibbli u adegwat meta wieħed jikkunsidra l-ispejjeż medji osservati fis-settur tal-industrija inkwistjoni u l-esperjenzi tal-amministrazzjoni pubblika. It-taqsimiet 3.3.1 sa 3.3.3 jirrikapitolaw il-metodi tal-kalkoli u t-taqbiliet u l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnhom. B'mod iktar ġenerali, metodu bħal dan tipiku li jqabbel sistematikament il-kumpens mal-ispejjeż tas-settur a posteriori u fit-tliet modi differenti jiżgura li ma hemm l-ebda kumpens żejjed. Li kieku waqt tqabbil bħal dan jinstab li hemm kumpens żejjed, l-Awstrija jkollha titlob li dan jinġabar lura.

(81) Minn dan jiġi konkluż li l-*Postbus* ma qed tirċievi l-ebda kumpens żejjed għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni, u li t-tielet kriterju *Altmark* qed jiġi ssodisfat.

4.1.4. *Prezz li jikkorrispondi għall-prezz ta' intrapriża medja, immexxija sew u mgħammra adegwatament bil-mezzi tat-trasport*

(82) Jonqos li jiġi vverifikat jekk il-prezz imħallas mill-*Verkehrsverbund Tirol* lill-*Postbus* jikkorrispondix għall-prezz ta' intrapriża medja, immexxija sew u mgħammra adegwatamanet b'mezzi tat-trasport. Sabiex jiġi vverifikat jekk dan il-kriterju huwiex issodisfat, hemm lok li jiġu analizzati t-tliet komponenti tiegħu b'mod separat.

4.1.4.1. Spejjeż ta' intrapriża medja

(83) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota l-ewwel li l-Awstrija bbażat ruħha, għall-kalkoli tal-verifika tagħha, fuq parametri standard, osservati fuq medja fis-settur tal-industrija inkwistjoni. Għalhekk jistgħu jitqiesu li jirriflettu l-medja tas-settur inkwistjoni.

(84) Għalhekk, l-ispejjeż tal-Postbus jikkorrispondi għall-ispejjeż ta' intrapriża medja Awstrijaka.

4.1.4.2. Spejjeż ta' intrapriża mmexxija sew

(85) Sussegwentement wieħed isaqsi jekk l-ispejjeż tal-*Postbus* jikkorrispondix ukoll għall-ispejjeż ta' intrapriża mmexxija sew. Fis-settur tat-trasport bix-xarabank, li ilu ħafna ddominat mill-monopolji u l-għoti tas-swieq bla sejħa għall-offerti, mhux neċessarjament minnu li kull intrapriża attiva fis-suq hija intrapriża mmexxija sew.

(86) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-Awstrija ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni li dawn il-parametri jirriflettu wkoll il-medja ta' intrapriża mmexxija sew. Bħala eżempju, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Awstrija setgħet ibbażat ruħha fuq l-ispejjeż medji tal-intrapriżi li tul l-aħħar snin setgħu ħadu għadd sinifikanti ta' sejħiet għall-offerti fis-settur.

(87) Barra minn hekk, ta' min jinnota li hemm differenza ta' EUR 0,80/km bejn il-prezz kull kilometru tal-*Bestellleistungen* u l-prezz kull kilometru tal-*Bestandleistungen*. Dan jindika li l-*Postbus* għandha ċerti marġini biex ittejjeb l-effiċjenza tagħha fir-rigward tal-*Bestellleistungen*.

(88) Minn dan jista' jiġi konkluż li l-Awstrija ma wrietx li l-prezz imħallas mill-*Verkehrsverbund Tirol* lill-*Postbus* jikkorrispondi l-ispejjeż ta' intrapriża mmexxija sew. B'konsegwenza ta' dan, ir-raba' kriterju *Altmark* ma ġiex issodisfat.

4.1.4.3. Konklużjoni rigward ir-rispett tal-kriterji *Altmark*

(89) La dan jittratta erba' kriterji kumulattivi u wieħed minn dawn il-kriterji ma ġiex issodisfat, iwassal lill-Kummissjoni biex awtomatikament tikkonkludi li l-pagamenti inkwistjoni jridu jiġu meqjusa biex jiksbu vantaġġ ekonomiku selettiv għall-intrapriża *Postbus*.

4.1.5. *Żbilanċ tal-kompetizzjoni u impatti fuq in-negozju*

(90) L-intrapriża *Postbus* hija attiva fis-suq tat-trasport bix-xarabank fl-Awstrija kollha, u għandha parti kbira mis-suq. Il-ksib ta' vantaġġ ekonomiku għal din l-intrapriża jista' għaldhekk joħloq żbilanċ tal-kompetizzjoni.

(91) Fil-każ preżenti, l-iżbilanċi tal-kompetizzjoni jistgħu jirriżultaw l-iktar mill-fatt li l-finanzjament pubbliku jingħata lill-intrarpriża li għandha liċenzja għat-trasport bix-xarabank fid-distrett inkwistjoni. Għalhekk, dan il-finanzjament pubbliku għandu l-potenzjal li jimpedixxi intrapriżi oħra milli jiksbu l-liċenzji tax-xogħol għar-rotot tat-trasport pubbliku għax isaħħaħ il-pożizzjoni tal-intrapriżi benefiċjarji u jippermettilhom joffru kundizzjonijiet kummerċjali iktar attraenti għat-tiġdid tal-liċenzji.

(92) Fir-rigward tal-possibbiltà li l-miżura inkwistjoni taffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri, ta' min jinnota l-ewwel li s-suq tat-trasport lokali jew reġjonali tat-trasport pubbliku huwa suq miftuħ għall-kompetizzjoni fl-Awstrija u fi Stati Membri oħra, fejn ma hemm l-ebda monopolju nazzjonali għal intrapriża waħda jew iktar f'dan is-suq.

(93) F'dan il-kuntest, ta' min jiftakar il-paragrafu 77 u ta' wara tad-Deċiżjoni *Altmark Trans*, fejn il-Qorti ddeċidiet li:

"[…]Assolutament mhux eskluż li sussidju pubbliku mogħti lil intrapriża li tipprovdi biss servizzi ta' trasport lokali jew reġjonali u ma tipprovdix servizzi ta' trasport barra mill-Istat tal-oriġini tagħha jista', madankollu, ikollu effett fuq in-negozju bejn l-Istati Membri.

Meta Stat Membru jagħti sussidju pubbliku lil intrapriża, il-provvista ta' servizzi ta' trasport mill-intrapriża inkwistjoni tista' ssib ruħha appoġġjata jew imkabbra, bil-konsegwenza li b'hekk jitnaqqsu l-opportunitajiet tal-intrapriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra biex jipprovdu s-servizzi tagħhom ta' trasport fis-suq ta' dan l-Istat (ara, f'dan ir-rigward, id-Deċiżjonijiet tat-13 ta' Lulju 1988 fil-Kawża 102/87, Franza/il-Kummissjoni, Slg. 1988, 4067, il-paragrafu 19. tal-21 ta' Marzu 1991 fil-Kawża C-305/89, l-Italja/il-Kummissjoni, Slg. 1991, I-1603, il-paragrafu 26, u Spanja/il-Kummissjoni, il-paragrafu 40).

…

Għaldaqstant, it-tieni kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat, skont liema l-għajnuna trid tkun ta' natura li taffettwa n-negozju bejn Stati Membri, ma tiddependix min-natura lokali jew reġjonali tas-servizzi tat-trasport ipprovduti jew mill-importanza tal-qasam tas-servizz ikkonċernat."

(94) Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li l-opportunitajiet ta' intrarpriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra biex jipprovdu s-servizzi tat-trasport tagħhom fis-suq Awstrijak jonqsu bil-miżura inkwistjoni.

(95) B'konsegwenza, il-finanzjament pubbliku mogħti lill-*Postbus* mill-*Verkehrsverbund Tirol* għandu l-potenzjal li joħloq żbilanċ fil-kompetizzjoni u jaffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri.

4.1.6. *Konklużjoni*

(96) La r-raba' kriterju *Altmark* ma ġiex issodisfat, u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE ġew issodisfati, il-Kummissjoni tinnota li l-pagamenti inkwistjoni jammontaw għal għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Arikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(97) Għalhekk, hemm lok li jiġi vverifikat jekk din l-għajnuna tistax tiġi ddikkjarata kompatibbli mas-suq komuni.

4.2. **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

(98) L-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE jipprovdi għat-trasport fit-triq li: *"Miżuri ta' għajnuna meħtieġa għall-koordinament tat-trasport, jew li jikkorrispondu ma' rimborżi dwar ċerti pożijiet li jeżistu fil-prinċipju ta' servizz pubbliku għandhom ikunu kompatibbli ma' dan it-Trattat"*.

4.2.1. *Il-ġurisdizzjoni fil-Kawża Altmark dwar l-applikabilità tal-Artikolu 73*

(99) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja "skont l-Artikolu 77 [issa l-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE(…)], l-għajnuna tkun kompatibbli mat-Trattat tal-KE jekk din tissodisfa l-bżonnijiet ta' koordinazzjoni tat-trasport jew jekk tirrappreżenta rimborż għall-qadi ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku. […] Skont id-digriet tar-Regolament (KEE) Nru 1107/70 dwar għajnuna mogħtija fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'vettura tat-triq u fuq kanal fl-intern ta' pajjiż, l-Istati Memrbi ma għadhomx awtorizzati jiddefendu ruħhom bl-Artikolu 77 tat-Trattat tal-KE, li jipprovdi li l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni tal-mezzi tat-trasport jew li tikkorrispondi għar-rimborż ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku hija kompatibbli mat-Trattat, minbarra l-każijiet imsemmija mil-liġi Komunitarja li tirriżulta minnhom. Sakemm ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 dwar l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'vettura tat-triq u fuq kanal fl-intern ta' pajjiż ma jkunx applikabbli u li s-sussidji inkwistjoni jaqgħu taħt l-Artikolu 92(1) tat-Trattat tal-KE (li wara t-tibdil sar l-Artikolu 87(1), ir-Regolament (KEE) Nru 1107/70 jistabbilixxi, b'mod eżawrjenti, taħt liema kundizzjonijiet l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna skont l-Artikolu 77 tat-Trattat tal-KE." ([19])

(100) Għalhekk, wieħed isaqsi jekk ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jew ir-Regolament (KEE) Nru 1107/70 fihomx regoli ta' kompatibbiltà għall-għajnuna mill-Istat li hija applikabbli fil-każ preżenti.

4.2.2. *Kompatibbiltà bbażata fuq ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69*

4.2.2.1. Medda tal-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69

(101) L-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69/KE huwa speċifikat kif ġej fl-Artikolu 1(1) u (2):

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal intrapriżi tat-trasport li joperaw servizzi fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u passaġġi fuq l-ilma interni. L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-iskop ta' dan ir-Regolament xi intrapriżi li l-attivitajiet tagħhom ikunu limitati esklussivament għall-ħidma ta' servizzi urbani, suburbani jew reġjonali.

2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

— "servizzi urbani u suburbani" tfisser servizzi ta' trasport li jilħqu l-ħtiġiet ta' ċentru urban jew konurbazzjoni, u l-ħtiġiet ta' trasport bejnu u l-inħawi tal-madwar,

— "servizzi reġjonali" tfisser servizzi ta' trasport imħaddma biex jintlaħqu l-ħtiġiet tat-trasport ta' kull reġjun."

(102) L-Awstrija użat l-opportunità li teskludi ċerti intrapriżi mill-iskop tal-applikazzjoni tar-Regolament. Skont l-Artikolu 2 tal-*Privatbahnunterstützungsgesetz* 1998 ([20]), l-intrapriżi li huma attivi esklussivament fis-servizzi urbani u suburbani huma eskluži mill-medda tal-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

(103) F'dan il-każ, is-servizzi inkwistjoni huma madankollu servizzi reġjonali. B'konsegwenza, ir-Regolament (KEE) Nru 1191/69 huwa applikabbli.

4.2.2.2. Sistema magħżula mill-Awstrija

(104) Fl-Artikolu 1(3) sa 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jiġu deskritti ż-żewġ sistemi differenti li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu minnhom għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tat-trasport pubbliku, jiġifieri s-sistema tal-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u s-sistema kuntrattwali:

([19]) Id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, Altmark Trans, il-paragrafi. 101, 106, 107. Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 130, 15.6.1970, p. 1).

([20]) Bundesgesetzblatt I 1994/519.

"3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom itemmu kull obbligu li jinsab fil-kuntratt ta' kull servizz pubbliku kif imfisser f'dan ir-Regolament impost fuq trasport bil-ferrovija, bit-triq jew passaġġi ta' ilma interni.

4. Sabiex jiġi żgurat servizzi ta' trasport adegwati li b'mod partikolari jieħdu inkonsiderazzjoni fatturi soċjali u ambjentali u l-ippjanar ta' bliet u rħula, jew bl-għan li jiġu offruti nollijiet partikolari lil ċerti kategoriji ta' passiġġiera, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu kuntratti ta' servizz pubbliċi ma' kull intrapriża tat-trasport. Il-kundizzjonijiet u d-dettalji tal-operat ta' dawn il-kuntratti huma stabbiliti fit-Taqsima V.

5. Madanakollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jżommu jew jimponu l-obbligu ta' servizz pubbliku li għalih saret referenza fl-Artikolu 2 dwar servizzi ta' trasport urban, suburban u reġjonali għall-passiġġieri. Il-kundizzjonijiet u d-dettalji tal-operat, inklużi metodi ta' kumpens, huma stabbiliti fit-Taqsimiet II, III u IV. Meta kull intrapriża tat-trasport mhux biss topera servizzi bla ħsara għall-obbligi dwar servizz pubbliku iżda wkoll tagħmel attivitajiet oħra, is-servizzi pubbliċi għandhom ikunu mħaddma bħala diviżjonijiet separati li tal-inqas jilħqu r-rekwiżitili ġejjin:

(a) il-kontijiet operattivi għal kull wieħed minn dawn l-attivitajiet għandhom ikunu separati u l-proporzjoni tal-assi li jappartjenu għal kull wieħed għandhom jintużaw b'mod konformi mar-regoli tal-kontijiet li jkunu fis-seħħ;

(b) l-ispejjeż għandhom ikunu bbilanċjati bi dħul tal-operat u pagamenti minn awtoritajiet pubbliċi, mingħajr il-possibbiltà ta' trasferiment minn jew lejn settur ieħor tal-attività tal-intrapriża."

(105) L-Awstrija għażlet is-sistema kuntrattwali (l-Artikolu 19 ÖPNRV-G). B'konsegwenza, ir-regoli applikabbli għall-miżuri inkwistjoni jinsabu fit-Taqsima V tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

4.2.2.3. L-applikazzjoni tat-Taqsima V tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69

(106) It-Taqsima V tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tikkonsisti fl-Artikolu wieħed biss, l-Artikolu 14, li jistabbilixxi:

"1. Kuntratt dwar is-servizzi tat-traffiku minħabba l-obbligi "tas-servizz pubbliku" huwa kuntratt magħmul bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u intrapriża tat-trasport sabiex jiġi pprovdut lill-pubbliku servizz ta' trasport adegwat.

Kuntratt dwar is-servizzi tat-traffiku minħabba l-obbligi tas-servizz pubbliku jista' jkopri l-iktar dan li ġej:

— servizzi tat-trasport li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità;

— servizzi ta' trasport addizzjonali;

— servizzi ta' trasport b'rati u kundizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri jew fuq ċerti rotot,

— adattamenti ta' servizzi għall-ħtiġijiet attwali.

2. Kuntratt dwar is-servizzi tat-traffiku minħabba l-obbligi tas-servizz pubbliku għandu jkopri, fost l-oħrajn, il-punti li ġejjin:

(a) in-natura tas-servizz tat-trasport li għandu jiġi pprovdut, b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità;

(b) il-prezz tas-servizzi koperti bil-kuntratt, li għandu jkun jew miżjud mad-dħul ta' tariffa jew għandu jinkludi d-dħul, u dettalji dwar relazzjonijiet finanzjarji bejn iż-żewġ partijiet;

(c) ir-regoli dwar emendi u modifikazzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari biex jieħu inkonsiderazzjoni tibdiliet li mhumiex imbassra;

(d) il-perjodu ta' validità tal-kuntratt;

(e) is-sanzjonijiet fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt.

3. Dawk l-assi involuti fl-għoti ta' servizzi ta' trasport li huma s-suġġett ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jistgħu jappartjenu lill-intrapriża jew ikunu għad-disposizzjoni tagħha.

4. Intrapriża li beħsiebha li ma tibqax jew li tagħmel modifiki sostanzjali lil kull servizz ta' trasport li tipprovdi lill-pubbliku fuq bażi kontinwa u regolari u li ma tkunx koperta bis-sistema tal-kuntratt jew l-obbligu ta' servizz pubbliku għandha tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru b'dan mill-inqas tliet xhur bil-quddiem. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux din in-notifika. Din id-disposizzjoni ma taffettwax proċeduri oħra nazzjonali applikabbli dwar intitolament biex jiġu terminati jew modifikati servizzi tat-trasport.

5. Wara li jirċievu l-informazzjoni li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinsistu fuq iż-żamma tas-servizz inkwistjoni sa sena mid-data tan-notifika; dawn għandhom jinfurmaw lill-intrapriża bid-deċiżjoni mill-inqas xahar qabel l-iskadenza tan-notifika. L-awtoritajiet jistgħu wkoll jieħdu l-inizjattiva biex jinnegozjaw it-twaqqif jew it-tibdil tat-tali servizz ta' trasport.

6. L-ispejjeż li jirriżultaw lill-intrapriżi ta' trasport mill-obbligi li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 5 għandhom ikunu kkumpensati skont il-proċeduri komuni stabbiliti fit-Taqsimiet II, III u IV."

(107) Il-kuntratt konkluż bejn il-*Postbus* u l-*Verkehrsverbund Tirol* huwa kuntratt konkluż bejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru u intrapriża tat-trasport biex jiġu pprovduti servizzi tat-trasport suffiċjenti lill-pubbliku.

(108) Il-kuntratt fih b'mod partikolari dan li ġej: servizzi tat-trasport li jsegwu r-rekwiżiti stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità; servizzi tat-trasport bil-prezzijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' vjaġġaturi; adattamenti ta' servizzi għall-ħtiġijiet attwali.

(109) Għalhekk, dan il-kuntratt jista' jiġi deskritt bħala kuntratt ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

(110) Ta' min jinnota li kemm l-iskop ("li jiġu pprovduti lill-pubbliku servizzi tat-trasport sodisfaċenti") kif ukoll il-kontenut tal-kuntratti ta' servizz pubbliku ("rekwiżiti stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u ta' kwalità", determinazzjoni tat-tariffi, kundizzjonijiet tas-servizz "għal ċerti kategoriji ta' vjaġġaturi jew għal ċerti relazzjonijiet", "adattament ta' servizzi għall-ħtiġijiet attwali" eċċ.) ma jitbegħdux minn dawk li jistgħu jkunu soġġetti għall-obbligi ta' servizz pubbliku imposti mill-Istat jew l-awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, diġà ġie spjegat fid-dettall li l-kumpens għal dan it-tip ta' servizzi huwa għajnuna għall-fornitur.

(111) Għalhekk, ta' min jinnota l-ewwel li l-għan tal-leġiżlatur bl-adattament tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 kien li jispeċifika b'liema kundizzjonijiet "l-għajnuna […] li tikkorrispondi għar-rimborż ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku" msemmija fl-Artikolu 73 tat-Trattat KE huma kompatibbli mas-suq komuni. L-applikazzjoni tal-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE, u għalhekk l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, tippresupponi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. Jekk il-kontenut tal-kuntratti jista' jkun kopert mill-kunċett tal-Artikolu 73 "obbligu inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku", il-forma tal-istrument, kuntratt u mhux obbligu impost unilateralment, ma għandhiex fiha nfisha, tkun ta' ostakolu għad-dikjarazzjoni possibbli ta' kompatibbiltà tal-għajnuna li eventwalment qiegħda fil-prezz. Il-fattur deċisiv biex wieħed jiddeskrivi servizz, ikunx impost mill-Istat jew approvat mill-partijiet f'kuntratt, għall-obbligu ta' servizz pubbliku, jinsab fil-kontenut tiegħu, u mhux fil-forma li beda biha ([21]). Minn dan jista' jiġi konkluż li ma hemm xejn legalment li jopponi li għajnuna li tinsab fil-prezz tas-servizzi pprovdut minn kuntratt ta' servizz pubbliku tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni mill-Kummissjoni. Ta' min jinnota li din is-soluzzjoni ntużat ukoll mill-koleġiżlaturi fir-Regolament il-ġdid (KEE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq ([22]). Madankollu, skont l-Artikolu 12 tiegħu, dan ir-Regolament ma jidħolx fis-seħħ qabel it-3 ta' Diċembru 2009. Għalhekk mhuwiex applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni, li ġie konkluż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(112) Fin-nuqqas ta' kundizzjonijiet preċiżi għall-kompatibbiltà fir-Regolament Nru 1191/69, il-Kummissjoni tqis li l-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mit-Trattat tal-KE, mill-ġurisprudenza u mill-prattika tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet, f'oqsma oħra jkunu applikabbli biex tiġi ddeterminata l-kompatibbiltà ta' din it-tip ta' għajnuna.

(113) Dawn il-prinċipji nġabru mill-Kummissjoni fil-qafas Komunitarju f'forma ġenerika fil-Parti 2.4 tal-qafas imsemmi dwar l-għajnuna mill-Istat f'forma ta' kumpensi għal servizz pubbliku ([23]). Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna li tinsab fil-prezz imħallas minn awtorità pubblika lil fornitur ta' servizz pubbliku, dan il-qafas Komunitarju fil-Punt 14 jipprovdi dan li ġej:

"L-ammont tal-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikunu koperti l-ispejjeż ikkawżati mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, meta wieħed jikkunsidra l-introjtu relatat kif ukoll profitt raġjonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi. L-ammont tal-kumpens jinkludi l-benefiċċji kollha mogħtija mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, ikun taħt liema forma jkun."

(114) Għalhekk, il-pagamenti tal-*Verkehrsverbund Tirol* lill-*Postbus* iridu jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq komuni jekk jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet.

(115) Dawn il-kundizzjonijiet jikkorrispondu b'mod preċiż ħafna għat-tielet kriterju *Altmark* li, kif ġie deskritt, jiġi ssodisfat fil-każ tipiku ta' hawn fuq.

([21]) F'dan ir-rigward, ara d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja *Altmark Trans*, li tikkonċerna kuntratt ta' servizz pubbliku Ġermaniż. Dan ma jimpedixxix lill-Qorti milli tiddeċiedi jekk dan jittrattax għajnuna jew le, u b'hekk jibbaża ruħu fuq il-kontenut u mhux fuq il-forma tal-istrument. Ara l-Artikolu 4 tal-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE għall-għajnuna tal-Istat f'forma ta' kumpens għal servizz pubbliku miksub minn ċerti intrapriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67), li wkoll tinjora l-forma tal-istrument.

([22]) ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1.

([23]) ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4.

(116) B'konsegwenza, ta' min jikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-*Verkehrsverbund Tirol* lill-*Postbus* fil-qafas tal-kuntratt ta' servizz pubbliku hija kompatibbli mas-suq komuni abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

4.3. **Ebda eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika**

(117) Skont l-opinjoni tal-Awstrija, mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jirriżulta li l-kuntratt ta' servizz pubbliku bejn il-*Verkehrsverbund Tirol* u l-*Postbus* huwa eżentat mill-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

(118) Fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 hemm: "Il-kumpens mħallas taħt dan ir-Regolament għandu jkun eżenti mill-proċedura ta' informazzjoni preliminari li tinsab fl-Artikolu 93 (3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea."

(119) Għalhekk, ta' min jispjega jekk il-pagamenti li l-*Verkehrsverbund Tirol* tagħti lill-*Postbus* humiex skont il-kuntratt ta' servizz pubbliku għall-kumpens skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69.

Fid-Deċiżjoni msemmija *Danske Busvognmænd*, it-Tribunal tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej ikkunsidra li "… ir-relazzjonijiet kuntrattwali stabbiliti wara proċedura ta' sejħa għall-offerti bejn l-intrapriża tat-trasport u l-awtorità kompetenti jinkludu, skont l-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, sistema speċifika ta' finanzjament li ma tħalli ebda lok għall-kumpens skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet II, III u IV ta' dan ir- Regolament" ([24]).

(120) Minn din id-Deċiżjoni jirriżulta li l-kunċett ta' *"kumpens għal servizz pubbliku"* skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 għandu jiġi interpretat b'mod ristrett ħafna. B'hekk, it-terminu jkopri biss il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku preskritti b'mod unilaterali fuq intrarpriża skont l-Artikolu 2 tar-Regolament, u li jiġi kkalkolat skont il-metodu deskritt fl-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament u li ma jridx jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(3)tat-Trattat KE.

(121) Min-naħa l-oħra, il-pagamenti pprovduti f'kuntratt ta' servizzi tat-trasport dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ma jammontawx għal kumpens skont l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

(122) B'konsegwenza, il-pagamanti pprovduti f'kuntratt ta' servizzi tat-traffiku dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, bħall-kuntratt konkluż bejn il-*Verkehrsverbund Tirol* u l-*Postbus*, mhumiex eżentati mill-obbligu ta' reġistrar stabbilit fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tevalwa l-kompatibbiltà tagħhom.

5. **KONKLUŻJONI**

(123) Huwa konkluż li l-Awstrija implimentat illegalment il-kuntratt ta' servizz pubbliku konkluż bejn il-*Verkehrsverbund Tirol* u l-*Postbus*, li huwa s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE. Madankollu, l-għajnuna mill-Istat ipprovduta minn dan il-kuntratt tista' tiġi ddikkjarata kompatibbli abbażi tal-Artikolu 73 tat-Trattat KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Awstrija lill-*Postbus* permezz tal-kuntratt konkluż fit-12 ta' Lulju 2002 mal-*Verkehrsverbund Tirol* hija kompatibbli mas-suq komuni u soġġetta għall-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Kull sena, l-Awstrija tqabbel il-kumpens mal-ispejjeż medji determinati f'dan is-settur billi tuża l-metodi speċifikati fit-Taqsima 3.3 ta' din id-Deċiżjoni u f'każ ta' kumpens żejjed, terġa' titolbu lura.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Antonio TAJANI
Viċipresident

([24]) Is-sentenza tat-Tribunal tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Marzu 2004 fil-Każ T-157/01 *Danske Busvognmænd*, Slg. p. II-917, il-paragrafi 77 sa79.